

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-89/12)**

(2012/C 331/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tikklassifikax mill-ġdid lir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni adottata fl-10 ta' Mejju 2012 mid-Direttur tad-Direttorat D fid-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà u kkomunikata lir-rikorrent b'ittra tal-11 ta' Mejju 2012, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tal-25 ta' Jannar 2012;
- sa fejn ikun meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2011, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti tad-29 ta' Ġunju 2011;
- jordna lill-konvenuta tieħu l-miżuri korrettivi neċessarji sabiex tistabbilixxi mill-ġdid l-osservanza tal-prinċipju tal-ekwivalenza tal-karriera fil-konfront tar-rikorrenti;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-91/12)**

(2012/C 331/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub qabel id-dħul fis-servizz abbażi ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub qabel id-dħul fis-servizz tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.